# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 29 ta' Lulju, 2002**

**Appell Nru 161/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

Josephine sive Joanne Vella
**Carmel sive Charles Zammit**, u
Mark Abdilla

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Josephine sive Joanne Vella, Carmel sive Charles Zammit u Mark Abdilla talli, fis-27 ta' Awissu,1995 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. fil-perjodu ta' qabel is-27 ta'Awissu, 1995, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-fond numru 6, Islington Court, Mensija Street, San Giljan, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza numerika, bil-valur li jeccedi l-elf lira (Lm1,000), bil-hin u bil-lok, u li sar ghad-detriment ta' Miss Mary Fogerty;

2. iffalsifikaw cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra illi meta gew presentati rcevew bihom hlas, jew hadu kunsinna ta' oggetti, jew gabru depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew minn stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u xjentement ghamlu uzu mill-istess dokumenti ffalsifikati u cioe' cekkijiet tal-Mid-Med Bank li jippartjenu lil Miss Mary Fogerty;

3. ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet tal-Mid-Med Bank li jappartjenu lil Miss Mary Fogerty, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi, wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw, u aktar talli

xjentement ghamlu uzu mill-istess dokumenti falsifikati u cioe' cekkijiet tal-Mid-Med Bank li jappartjenu lil Miss Mary Fogerty;

4. sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddeihor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;

5. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra, sabiex igeghelu titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, seta' fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn Lm1,000 ghad-detriment ta' Miss Mary Fogerty u persuni ohra;

6. talli fl-istess perijodu, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

7. talli fl-istess perijodu, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, u cioe` ghamlu hsara fir-residenza f'numru 6, Isligton Court, Mensija Street, San Giljan, liema hsara teccedi is-somma ta' Lm50, izda ma teccediex is-somma ta' Lm500, u li saret ghad-detriment ta' Miss Mary Fogerty;

Minbarra dan, Carmel sive Charles Zammit u Mark Abdilla wahedhom kienu akkuzati talli f'Ghajn Tuffieha, nhar is-27 ta' Awwissu 1995, f'xi hin wara nofs in-nhar, ikkommettew serq ta' oggetti mill-kumpless ta' Hal-Ferh, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur u lok u li sar ghad-detriment ta' Van Clooter Oswald ta' nazzjonalita` Belgjana;

[Josephine sive Joanne Vella kienet akkuzata talli ikkommetiet reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 26 ta'April 1993, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula][1];

[Mark Abdilla kien akkuzat talli ikkommetta reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 4 ta'April 1995, liema sentenza saret defiittiva u ma tistax tigi mibdula];

[L-istess Mark Abdilla kien akkuzat wkoll li huwa sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 24 ta' Marzu 1995, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula];

Carmel sive Charles Zammit kien akkuzat ukoll li huwa kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 29 ta' Settembru 1993, fejn hu kien gie misjub hati

[1] L-imputazzjonijiet li ma jirrigwardawx lill-appellant Zammit qed jigu ndikati fi brekits kwadri.

ta' reat u lliberat bil-kundizzjon li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin; kif ukoll talli fil-Belt Valletta, fil-21 ta'Awissu 1995 u fix-xhur ta' qabel, halef falz quddiem ufficjal pubbliku li ghandu s-setgha li jaghti l-gurament, liema gurament kien mehtieg bil-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Awissu, 2001 <u>moghtija fil-konfront ta' Carmel sive Charles Zammit</u> li permezz taghha dik il-qorti, wara li, fuq ammissjoni tieghu, sabitu hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ikkundannatu sena prigunerija li minnha kellu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv (in konnessjoni ma' l-istess kaz);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-23 ta' Awissu 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; semghet ukoll bil-gurament lit-tabib Dott. John Zammit Montebello fl-udjenza tal-21 ta' Gunju, 2002; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda l-piena. L-Avukat Generali, bazikament qed jikkontendi li f'dan il-kaz ma kienx hemm il-presupposti legali mehtiega sabiex l-ewwel qorti tinzel taht il-minimu skond l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Jilmenta wkoll li l-ewwel qorti ma ttrattatx ma' Zammit ghall-ksur tal-*conditional discharge* tad-29 ta' Settembru, 1993, kif ukoll li ma kkundannatux ihallas l-ispejjez peritali.

Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser fis-sentenza taghha tal-15 ta' Novembru, 1996 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Difesa*** (sentenza li jirreferi ghaliha l-Avukat Generali stess fir-rikors ta' appell tieghu), filwaqt li huwa minnu li jekk ma jissemmewx fis-sentenza r-ragunijiet specjali u straordinarji ghandu jitqies li ma jkunx gie applikat l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, mill-banda l-ohra mhux kullma l-ewwel qorti tipprospetta fis-sentenza taghha bhala ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom necessarjament jigu accettati minn <u>din</u> il-Qorti (cioe` mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali) bhala tali. Ir-ragunijiet specjali u straordinarji migjuba fis-sentenza appellata huma sindakabbli minn din il-Qorti ghall-finijiet ta' appell taht l-Artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodici Kriminali. Huwa proprju ghall-finijiet ta' tali sindakabilita` li l-istess Artikolu 21 jipprovdi li dawn ir-ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom "jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza". Kieku kien mod iehor ifisser li l-Qorti Inferjuri tista' ssemmi l-aktar ragunijiet assurdi jew ordinarji u tikkwalifikahom bhala "specjali u straordinarji" u l-Avukat Generali xorta wahda ma jkunx jista' jappella taht l-imsemmi Artikolu 413(1)(b)(iii). Din certament qatt ma kienet l-intenzjoni tal-legislatur. B'dana kollu, din il-Qorti dejjem ikkoncediet margini ta' diskrezzjoni wiesgha hafna lill-ewwel qorti ghal dak li hu apprezzament ta' x'jammonta jew ma jammontax ghal "ragunijiet specjali u straordinarji". Fil-kaz in dizamina din il-Qorti tara li l-ewwel qorti ma hargitx barra minn tali margini ta' diskrezzjoni kif appena mfissra. Il-problema psikjatrika ta' l-appellat (problema sekondarja

ghall-problema principali tieghu ta' abbuz mill-kokajina) kif ukoll il-progress sostanzjali li huwa ghamel fil-habs stess u anke waqt li kien l-Isptar Monte Carmeli (kif ukoll barra minn dawn iz-zewg istituzzjonijiet) biex jirriabilita ruhhu, jistghu (mhux necessrajament ghandhom) jikkwalifikaw bhala ragunijiet specjali u straordinarji ghall-finijiet tal-Artikolu 21 (u dan apparti l-limitazzjonijiet, fis-sens tan-non-applikabilita` tal-Artikolu 21, li tista' timponi l-ligi stess[2]). Kull kaz irid jigi ezaminat bir-reqqa u fuq il-meriti tieghu; mhux kull min ghandu jew kellu problema tad-droga u qed jaghmel jew temm b'success programm ta' riabilitazzjoni jikkwalifika ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21. Wiehed irid iqis kollox: in-natura tar-reati u kif dawn effetwaw lill-vittma jew vittmi (jekk kien hemm); x'opportunita` kellu dak li jkun li jibda l-programm qabel ma effettivament bdieh biex b'hekk ma jikkommettix reati ohra; jekk il-fatt li wiehed beda programm ta' riabilitazzjoni (specjalment fil-habs stess) hix semplici manuvra tattika biex dak li jkun jidher helu mal-Qorti ghall-finijiet ta' piena, jew jekk hemmx impenn serju u sostenibbli; u hafna u hafna affarijiet ohra li din il-Qorti ma tarax li tista' telenkahom kollha. Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti semplicement tara li m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel qorti ghal dak li jirrigwarda l-applikabilita` tal-imsemmi Artikolu 21, u dana wara li qieset, bhalma zgur li ghamlet l-ewwel qorti, id-deposizzjonijiet tal-psikjatra Dott. Joseph Spiteri, tal-*correctional supervisor* Jack Grech, tal-Maggur George Farrugia tas-*Substance Abuse Therapeutic Unit* tal-habs, u tat-tabib Dott. John Zammit Montebello. Stabbilit dan, din il-Qorti ma tistax tissindika l-*quantum* tal-piena taht il-minimu li nghatat (fis-sens li tara jekk l-ewwel qorti kellhiex taghti piena oghla, ghalkemm dejjem taht il-minimu). Il-posizzjoni, naturalment, tkun differenti meta jigu fis-sehh id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 91 tal-Att III ta' l-2002 – taht l-Artikolu 413(1)(c) l-Avukat Generali jkollu dritt jappella, f'kaz bhal dak in dizamina, anke fuq il-*quantum* tal-piena moghtija, sia jekk ikun gie applikat l-Artikolu 21 u sia jekk le. Din id-disposizzjoni l-gdida, jekk uzata sew mill-Avukat Generali, ghandha sservi biex tigi mnaqqsa d-disparita` fil-pieni moghtija mid-diversi Qrati Inferjuri, kif ukoll biex tirrettifika dawk il-kazijiet fejn il-piena moghtija mill-Qorti Inferjuri tkun manifestament zbaljata ghall-kaz li kellha quddiemha.

Kwantu ghall-*conditional discharge* tad-29 ta' Settembru, 1993 (ara kopja tas-sentenza a fol. 144 ta' l-atti), l-ewwel qorti, kuntrarjament ghal dak li jallega l-Avukat Generali, itrattat ma' l-appellat (allura imputat) Zammit ghall-ksur tal-kundizzjoni in kwistjoni, u dana fil-kuntest tal-piena komplessiva li nghatat ta' sena prigunerija. In fatti fis-sentenza appellata kjarament jissemmew l-Artikoli 9 u 10 tal-Kap. 152.

L-uniku aggravju ta' l-Avukat Generali li hu gustifikat huwa dak dwar l-ispejjez peritali. It-talba sabiex l-appellat jigi kkundannat ihallas dawna l-ispejjez saret permezz tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-21 ta' Mejju, 1998 (fol. 540 tal-atti). Ma kien hemm ebda raguni valida fil-ligi ghala l-appellat Zammit ma giex ikkundannat ihallas dawna l-ispejjez; l-Artkolu 21 tal-Kodici Kriminali ma jincidix fuq l-Artikolu 533 ta' l-istess Kodici.

---

[2] Ez., l-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mill-Avukat Generali billi tilqghu limitatament ghat-talba ghall-kundanna ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali, u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi, b'zieda mal-piena inflitta mill-ewwel qorti f'dik is-sentenza, tikkundanna lill-appellat Carmel sive Charles Zammit ihallas **terz ta' l-ispejjez peritali** inkorsi fil-proceduri terminati fil-konfront tieghu bis-sentenza appellata (tat-3 ta' Awissu, 2001) u dana fi zmien gimghatejn minn mindu ssirlu talba f'dan is-sens mir-Registratur; u tichad il-bqija ta' l-appell ta' l-Avukat Generali.

Il-Qorti tordna li l-atti jigu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex jitkomplew il-proceduri fil-konfront taz-zewg ko-imputati l-ohra, cioe` Josephine sive Joanne Vella u Mark Abdilla.

Deputat Registratur